# Ix-Xogħol Irreġistrat: Ġunju 2024

NR 216/2024 Data tal-Ħruġ: 18 ta' Novembru 2024

*F'Ġunju 2024, l-impjiegi full-time żdiedu b'5.3 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu b'5.9 fil-mija meta mqabblin ma' Ġunju ta' sena qabel.*



Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet b'5.4 fil-mija sabiex laħqet 287,671 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (14,340) u żieda fil-qgħad irreġistrat (294) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Irreġistrat**

F'Ġunju 2024, l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 2,620) u l-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (NACE 45-47, 2,215) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żieda fix-xogħol full-time, meta mqabblin ma' Ġunju 2023 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time irreġistrat fis-settur privat tela' bi 13,416-il persuna għal 234,365. L-impjiegi fis-settur pubbliku żdiedu b'924 għal 52,137 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' b'725 meta mqabbel ma' Ġunju 2023, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdied bi 13,615. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu b'5.1 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'5.5 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Irreġistrat**

F'Ġunju 2024, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'7.5 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar tal-2023. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żieda kienu l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (NACE 69-75, 797) u l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82, 698) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħaq it-43,705, żieda ta' 8.8 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 35,288, żieda ta' 5.9 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar fl-2023 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Persuni rreġistrati b'impjieg full-time jew part-time bħala impjieg ewlieni, bix-xahar

